

32007R0141

15.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 43/9

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 141/2007****ta' l-14 ta' Frar 2007****dwar ir-rekwiżit għall-approvazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal stabbilimenti kummerċjali ta' l-għalf li jimmanifatturaw jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija "coccidiostats u histomonostats"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 183/2005 tat-12 ta' Jannar 2005 li jstipula r-rekwiżiti għall-iġjene ta' l-għalf<sup>(1)</sup>, b'mod partikulari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 jipprevedi l-approvazzjoni ta' ċerti stabbilimenti kummerċjali ta' l-għalf. L-għan prinċipali tas-sistema ta' approvazzjoni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 183/2005 hija li daww l-istabbilimenti li jimmanifatturaw u/jew li jqiegħdu fis-suq prodotti meqjusa bħala sensitivi jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' iġjene rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jipprevedi possibiltà li jitwessa' l-ambitu tar-rekwiżit ta' l-approvazzjoni.
- (2) "Coccidiostats u histomonostats" huma waħda mill-kategoriji ta' addittivi għall-għalf imsemmija fil-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar addittivi għall-użu fin-nutrimint ta' l-annimali<sup>(2)</sup>. Din il-kategorija ta' addittivi għall-għalf hija meqjusa bħala ugwalment sensitiva daqs il-kategoriji li għalihom għe stipulat rekwiżit ta' approvazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 183/2005.
- (3) Għalhekk, stabbilimenti li jimmanifatturaw u/jew iqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf li huma parti mill-kategorija "coccidiostats u histomonostats" għandhom ugwalment ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti ta' approvazzjoni.
- (4) Għandhom jiġu previsti miżuri tranżizzjonali dwar stabbilimenti li jimmanifatturaw u/jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija "coccidiostats u

histomonostats" li ma kinux jeħtieġu li jiġu approvati taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-istabbilimenti approvati taħt id-Direttiva 95/69/KE<sup>(3)</sup> huma koperti bil-Art. 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Operaturi kummerċjali ta' l-għalf għandhom jiżguraw li stabbilimenti taħt il-kontroll tagħhom u koperti bir-Regolament (KE) Nru 183/2005 huma approvati mill-awtorità kompetenti, fejn it-tali stabbilimenti jimmanifatturaw u/jew iqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija "coccidiostats u histomonostats". L-approvazzjoni tingħata skond ir-Regolament (KE) Nru 183/2005.

*Artikolu 2*

Stabbilimenti li jimmanifatturaw u/jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija "coccidiostats u histomonostats" u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma kinux jeħtieġu li jiġu approvati għal din il-kategorija ta' addittivi ta' l-għalf mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jistgħu jkomplu l-attivitajiet tagħhom sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni, bil-kundizzjoni li jippreżentaw din l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fil-qasam li fih jinsab l-istabbiliment tagħhom sa mill-inqas is-7 ta' Ġunju 2007.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-7 ta' April 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).<sup>(3)</sup> ĠU L 332, 30.12.1995, p. 15.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Frar 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---